MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-18 ta' Frar, 2008

Numru. 231/2006

PULIZIJA
SPETTUR ALFRED MALLIA
VS
MASSIMO GRIXTI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Massimo Grixti, ta' 16-il sena, bin Anthony u Josephine nee' Oliva, imwieled Pieta' fit-23 ta' Settembru 1989, u residenti 60, Flat 6, Triq l-Isptar, Valletta, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 478189(M);
U akkuzat talli fil-25 ta' Frar 2006, ghal habta ta' 1.45pm, gewwa l-Belt Valletta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Matthew Aquilina miz-Zurrieq, ID 360191(M), f'periklu car, hebb ghall-istess Matthew Aquilina u kkagunalu griehi ta' natura gravi, skond ma' ccertifikat Dr. Yvette Zahra B.Ch.D, ta' Triq it-Tahan, Zurrieq, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan, fl-istess cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta' ta' Matthew Aquilina u l-familja tieghu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol 4), u ta' l-imputat (a fol 16) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

L-Ufficjal Prosekutur, Spettur Alfred Mallia, a fol 17 et seq, xehed illi fil-25 ta' Frar ta' l-2006, fil-Karnival, ghal habta tas-saghtejn, kien dahal Matthew Aquilina jirraporta li waqt li kien ma' shabu, kien hemm klikka mill-Belt li tawh xebgha. Il-Pulizija bdiet tinvestiga dan il-kaz, u aktar tard, fis-6 ta' Marzu, ittiehdet stqarrija ta' Massimo Grixti, li ammetta li kien involut f'din il-glieda, u wara din il-glieda, kien mar dritt id-dar biex ibiddel hwejjgu. Il-Pulizija hadet l-istqarrija tieghu li giet esebita bhala dokument AM.

F'din l-istqarrija, l-imputat ammetta li kien involut fil-glieda u li ta xi daqqiet lil Matthew Aquilina.

Matthew Aquilina gharaf lill-imputat bhala l-persuna li aggredietu u li tajjarlu snienu. Ic-certifikat mediku rrilaxxat minn Dr Yvette Zahra gie esebit u mmarkat bhala dokument AM1.

Fl-istqarrija tieghu, dokument AM a fol 19 u 20, Massimo Grixti kien qal illi fil-25 ta' Frar 2006, fil-jiem tal-Karnival, kien il-Belt ma' certu Allan Pace u Brandon Grixti, u ltaqa'

ma’ grupp ta’ zaghzagh lebsin maskri li kienu qed ixarrbu lin-nies b’’water pistol’. L-imputat stqarr illi huwa qalilhom biex ma jxarrbuhx. Allan Pace kellu bombi zghar u tefa’ wahda fil-maskra ta’ wiehed minnhom, dan deher li wegga’ widnejh, wiehed minn dan il-grupp ta’ zaghzagh beda ‘**iparla fil-vojt’**, il-kugin ta’ l-imputat indirizza lil Matthew u qallu jekk iridx jghid xi haga, dan Matthew beda wkoll **‘iparla fil-vojt’**, u ghalhekk, **‘jien tajtu daqqa ta’ ponn go halqu’**, imbaghad gew iferrquhom in-nies, u gew il-Pulizija u huma telqu lkoll jigru.

**A fol 20, l-imputat qal illi ta iktar minn daqqa ta’ ponn wahda, u cioe’ ‘jien qbadtu minn wara b’id wahda bdejt inzommu, u bl-ohra ntih**.’

Dr Yvette Zahra kkonfermat ic-certifikat esebit a fol 21, u kkonfermat illi Matthew Aquilina, illi kellu s-sinna ta’ quddiem imfarrka, u li kien gab il-kumplament taghha f’tazza tal-halib. Dr Zahra kkonfermat illi kien fadal biss ‘one third’ ta’ din is-sinna go l-ghadma. Dr Zahra kkonfermat illi kellha taqta’ n-nerv, tnaddafha, apparti li kellha thit il-hanek li kien miftuh. Dr Zahra xehdet illi ghamlet ‘splint’ biex forsi s-sinna taghqad, izda kien kollu ghalxejn, u filfatt din is-sinna ntilfet. Dr Zahra xehdet ukoll illi Aquilina sofra ‘fracture’ ta’ l-ghadma tal-‘mandable’. Dr Zahra kompliet tghid illi sabiex isir ‘implant’, biex tissostitwixxi s-sinna li tfarrket, jehtieg tmien mitt Lira Maltin (Lm800).

Dr Zahra, a fol 24, ikkonfermat illi Matthew Aquilina kien qalilha li kien qala’ daqqa ta’ ponn, u li l-griehi li sofra Matthew Aquilina kienu nfatti kompatibbli ma’ daqqa ta’ ponn.

**A fol 25, Dr Yvette Zahra kkonfermat illi apparti illi tfarrket is-sinna, kienet inqalghet mas-sinna bicca mill-ghadma tal-‘mandable’ u ghaldaqstant, kien hemm parti mill-ghadma tal-‘mandable’ nieqsa, u sabiex issir ‘implant’, kellu wkoll isir ‘bone draft’. Dr Yvette Zahra kkonfermat illi sabiex tfieq il-gerha minhabba l-griehi fil-‘mandable’, kien jehtieg bejn**

**tmien gimghat u tliet xhur, u ghaldaqstant, ikklassifikatha bhala gerha ta’ natura gravi.**

A fol 27, Matthew Aquilina, ta’ hmistax-il sena, xehed illi fil-25 ta’ Frar, Sibt il-Karnival, kien tela’ l-Belt flimkien ma’ siehbu Jason Azzopardi, u ltaqghu ma’ grupp minn shabhom miz-Zurrieq u waqfu jkellmuhom. Dawn qalulhom li kellhom xi jghidu ma’ grupp minn tal-Belt:

**‘U fil-pront gie wiehed minnhom fuqi, gie kien qasir qalli trid xi haga inti, u Massimo Grixti gie minn warajja u tani daqqa ta’ ponn u tajjarli s-sinna. Imbaghad gew il-Pulizija u waqqfuhom.’ (ara fol 27).**

Il-Pulizija talbuh imur jaghmel rapport l-ghassa u akkumpanjaw lil Matthew Aquilina fit-tfittxija ta’ dan il-grupp ta’ zaghzagh mill-Belt. Filfatt sabu wiehed minnhom, u dan kixef lil shabu. Wara dan, Matthew Aquilina mar il-Health Centre, Floriana.

Matthew Aquilina xehed illi kienet saret procedura biex jippruvaw isalvaw din is-sinna, pero’ kien kollu ta’ xejn, u li mbaghad, beda t-trattament ghand id-dentist tieghu privat. Saritlu ‘partial denture’ ghar-rimpiazz tas-sinna li tilef. Matthew Aquilina xehed illi jrid jistenna sakemm ikollu tmintax-il sena sabiex issirlu l-‘implant’.

Matthew Aquilina xehed illi wara dan l-incident, huwa sar jaf ir-raguni ghaliex bdiet din il-glieda, u cioe’, illi dan il-grupp ta’ zaghzagh mill-Belt kienu qabdu mal-grupp ta’ zaghzagh miz-Zurrieq, u l-grupp ta’ nies mill-Belt kienu tefghu xi bomba gewwa l-maskra ta’ wiehed miz-zaghzagh taz-Zurrieq, u minn hemmhekk, bdiet il-glieda.

Annette Aquilina, omm Matthew Aquilina, ikkonfermat li kellha telefonata mill-poliklinika tal-Furjana li qalulha li Matthew kien korra. Illi minn hemmhekk, spjegat l-ezamijiet medici li kellhom jitwettqu fuq binha Matthew, u cioe’, fejn marru ghand id-dentist, ghamillu l-punti fi hnieku, sar tentattiv biex titwahhal is-sinna, pero’ dan sar ghal xejn. Annette Aquilina kkonfermat illi t-tifel taghha kien imwerwer u kellu hwejjgu mimlija demm dakinhar ta’

l-incident. Annette Aquilina xehdet illi binha Matthew qalilha li ma kienx jaf ir-raguni ghaliex kien qala' din id-daqqa ta' ponn, ghaliex hu lanqas biss kien jaf lil dan il-guvni li aggredih.

Annette Aquilina xehdet illi t-tifel taghha Matthew kellu jaghmel sentejn gej u sejjer ghand id-dentisti biex isegwi t-trattament konsegwenza tad-daqqa ta' ponn li qala'.

PC 1180 Paul Sultana kkonferma l-prezenza tieghu fl-istqarrija dokument AM.

Dr Nicholas Bezzina, Dentist, ikkonferma illi huwa kien ra lil Matthew Aquilina fis-27 ta' Frar, jumejn wara l-incident, wara li kienet diga' ratu Dr Yvette Zahra, u kkonferma illi bid-daqqa li qala' Matthew Aquilina, kienet inqalghetlu s-sinna, il-'perm' tas-sinna kienet iffratturata min-nofs, u l-parti ta' quddiem tas-sinna u nofs il-'perm' inqala' ghal kollox. Is-sinna giet splintjata u sar tentattiv biex isalvawlu din is-sinna, izda din il-procedura ma rnexxietx. Fit-28 ta' Marzu kien rega' ra lil Matthew Aquilina, u gie deciz li titwahhal sinna barranija ma' 'brace'. Dr Nicholas Bezzina kkonferma illi d-dentatura temporanja li ghamel lil Matthew Aquilina kien jehtigilha li tinbidel ma' mpjant jew 'bridge' meta dan ikollu tmintax-il sena. Din il-procedura ma setghetx isir qabel din id-data minhabba li s-snien u x-xedaq ta' guvni jibqghu jikbru sakemm ikollu tmintax-il sena.

Dr Bezzina kkonferma illi l-kont ta' l-ispejjez kien ta' xi erbghin Lira Maltin (Lm40), u l-impjant kien ser jiswa' tmien mitt Lira Maltin (Lm800). Dr Nicholas Bezzina esebixxa dokument B, u kkonfermah, liema dokument huwa rapport minnu rilaxxat u awtentikat.

A fol 50, Andre' Bellizzi xehed illi fil-25 ta' Frar 2006, waqt li kien il-Belt flimkien ma' shabu, cioe' Glenn Zammit u Kyle Darmanin, Danica, Janice, Deandra, Brenda u Stef, u peress li kien il-Karnival u kellhom 'water pistol', bdew ixarrbu lil shabhom stess. F'hin minnhom gew tlieta, fosthom l-imputat Massimo, u ndirizzawhom bil-kliem, **'jekk ixxarbuna hazin ghalikom.'** (ara xhieda a fol 50).

Andre’ Bellizzi xehed illi huma ma xarrbuhomx, pero’ ftit tal-hin wara, gie wiehed mill-grupp l-iehor, minn wara, u tefaghlu sufarell gol-maskra tieghu. Din faqqghet, u Andre’ Bellizzi stqarr, **‘ma stajtx nisma’ sew wara dan’.** Dan gara fil-vicinanzi tal-Qrati. Andre’ Bellizzi xehed illi huwa pogga bilqeghda fuq it-tarag tal-Qorti sakemm ghaddielu ftit, u ftit wara, iltaqa’ ma’ Matthew Aquilina (il-kwerelanti). Ftit wara li gie Matthew, rega’ tfacca Massimo Grixti flimkien ma’ shabu, gie wiehed mill-grupp ta’ l-imputat, u ndirizza lil Matthew bil-kliem **‘trid tghid xi haga?’**, Matthew Aquilina ma tax kasu u dar, **u kien dak il-hin illi l-imputat Massimo Grixti tah daqqa ta’ ponn u qalghalu sinna, ‘beda jtih’**.

Andre’ Bellizzi xehed, a fol 51, illi huwa prova jaqbez ghal Matthew Aquilina u mbotta lil xi whud minn tal-grupp li kienu ma’ Massimo Grixti, u dan irritalja billi tah daqqa ta’ ponn go zaqqu u go ghajnejh, u harab jigri. Il-grupp li maghhom kien l-imputat Massimo Grixti, telqu jigru u Matthew Aquilina mar l-ghassa tal-Pulizija biex jaghmel rapport, u minn hemmhekk, haduh il-poliklinika. Sussegwentement, Andre’ Bellizzi xehed illi huwa kien ra lil Massimo ghaddej minn triq il-Belt, **u kien biddel il-flokk**.

Glenn Zammit, a fol 53, ikkonferma x-xhieda ta’ Andre’ Bellizzi, u kkonferma l-mod li bih Matthew Aquilina gie aggredit mill-imputat, tant li nqalghetlu sinna minn ta’ quddiem. Ikkonferma wkoll illi Matthew Aquilina, sa dak il-hin li qala’ d-daqqa minghand Massimo Grixti, ma kien ghamel xejn lil Massimo Grixti, u lanqas kien offendih bil-kliem jew b’xi mossa ohra (ara xhieda a fol 55).

Kyle Darmanin, a fol 57 et seq, ikkonferma x-xhieda ta’ Bellizzi.

Victoria Grech, Probation Officer, xehdet illi hija kellha ‘provisional order of supervision’ fuq l-imputat Massimo Grixti, izda dan ma kienx qed izomm il-kuntatt maghha, u allura hi ma setghet taghmel ebda tip ta’ pjan terapewtiku fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda fuq prodotta, jirrizulta b'mod ampju illi l-kaz tal-Prosekuzzjoni huwa ppruvat bla dubju dettat mir-raguni. Dan qed jinghad ghaliex l-imputat ammetta fl-istqarrija tieghu illi huwa aggredixxa lil Matthew Aquilina billi tah diversi daqqiet ta' ponn go halqu, ghazel li ma jixhidx il-Qorti, u ghazel ukoll li ma jipproduci ebda wiehed minn shabu (u dawn kienu hafna), biex iressaq xi forma ta' prova kontrarja.

Illi ghal dak li jirrigwardja l-provi tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti hija sodisfatta illi l-griehi ta' natura gravi fuq Matthew Aquilina gew ippruvati skond il-ligi. Id-dentisti prodotti, u cioe', Dr Yvette Zahra u Dr Nicholas Bezzina gharfu u awtentikaw ic-certifikati minnhom esebiti, u Dr Yvette Zahra xehdet fit-tul fuq il-manjiera ta' kif l-ghadma tal-mandibile, (cioe' l-ghadma tal-parti frontali tal-halq bejn l-imnieher u x-xufftejn), giet fratturata, kif bl-istess impatt tad-daqqa ta' ponn, parti minn din l-ghadma nqalghet u tqacctet addirittura mas-sinna, u gie ppruvat ukoll illi sabiex tfieq din l-ghadma, jehtieg mill-inqas tmien gimghat sa tnax-il gimgha.

Illi in oltre, minhabba illi l-griehi tal-kwerelant jikkonsistu fi frattura fejn parti mill-ghadma ser tibqa' nieqsa, il-kwerelant ser jehtieglu wkoll 'bone draft' sabiex din il-parti nieqsa terga' tiggenera ruhha u sabiex ikun hemm il-pedament sod ghal implant li ghad trid issir.

Din il-Qorti hija accertata wkoll mill-identita' ta' l-imputat, kif konfermata mill-hbieb tal-kwerelant li xehdu f'din l-istanza.

Illi ghar-rigward ta' piena, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, u primarjament, l-eta' giovannili ta' l-imputat, li kellu biss sittax-il sena meta gara dan l-incident. Din il-Qorti, pero', gharfet il-mod kodart illi bih l-imputat attakka lil Matthew Aquilina li kien ghadu kemm wasal fuq il-post, u cioe', **billi hatfu meta dan**

**kellu dahru lejh** u capcaplu sensiela ta’ daqqiet ta’ ponn minn wara.

Illi in oltre, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ‘the mindless aggression’ ta’ dan il-guvni, illi f’Karnival, fuq tixrib minn ‘water pistol’, jispicca biex jaghti sensiela ta’ daqqiet ta’ ponn lill-guvni ta’ hmistax-il sena, bil-konsegwenzi gravi li semghet dwarhom din il-Qorti mid-dentisti li xehdu.

Il-Qorti taghmilha cara illi f’kaz li l-imputat kien maggorenni meta twettaq dan ir-reat, din il-Qorti kienet takkorda piena karcerarja ta’ certu gravita’ bla ebda ezitazzjoni. Huwa biss il-fatt illi l-imputat kellu sittax-il sena illi bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, illi tinklinaha sabiex takkorda piena alternattiva ghajr dik ta’ inkarcerazzjoni effettiva u mmedjata.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u wara li rat l-Artikoli 214, 216(1)(d), 338(dd), 383, 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal erbatax-il (14) xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin. In oltre, tqieghdu taht ‘supervision suspended order’ ghal perjodu ta’ tliet snin, taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Victoria Grech. In oltre, din il-Qorti tordna l-hrug ta’ ‘compensation order’, ai termini ta’ l-Artikolu 28H tal-Kap 9, u tordna lill-imputat ihallas elf, disa’ mija u sitta u hamsin Euro u seba’ u sittin centezmu Euro (1956.67 Euro), ekwivalenti ghal tmien mija u erbghin Lira Maltin (Lm840), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt xhur mid-data ta’ din is-sentenza.

Kif mitlub, il-Qorti, ai termini ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap 9, tqieghed lill-imputat taht obbligazzjoni li ma jkellimx, ma javvicinax, ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-kwerelant Matthew Aquilina, taht garanzija ta’ mitejn u tlieta u tletin Euro (233 Euro), ekwivalenti ghal mitt Lira Maltin (Lm100), ghal perjodu ta’ sena mid-data ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------